# SILLABU TAL-ILSIEN MALTI – FORM 5 2009-2010

**KOTBA:**
**JA ĠIRIENI (IDJOMI u QWIEL) ta' TARĊISJU ŻARB.**
**GRAMMATIKA MALTIJA ta' Bro Henry.**
**QAWSALLA (Antaloġija ta' poeżiji u proża) t'AWTURI VARJI.**

**SKOP:**
Dan is-sillabu jkompli ma' dak li nbeda s-sena l-oħra u jgħin biex wara li l-istudent ikun ħadem ix-xogħol meħtieġ fil-lingwa u fil-letteratura, joqgħod għall-eżami tal-Malti (ĊES) f'Mejju 2008.

**ORAL:**
Matul is-sena skolastika 2006-2007, l-istudenti ngħataw proġett dwar "**L-Idea tal-Lingwa**". F'dan il-proġett l-istudenti kellu jikseb tagħrif dwar "L-Importanza tal-Lingwi fid-dinja, fosthom "Il-Malti"; "L-Istorja ta' l-Ilsien Malti"; "Il-Malti bħala lsien Mħallat"; "Nies li ħadmu b'risq l-Ilsien Malti"; "Il-Kwistjoni tal-Lingwa"; "L-Għaqdiet tal-Malti"; "Il-Bilingwiżmu" u "Il-Malti Llum". Dan il-proġett inġabar fil-bidu tas-sena skolastika 2007-2008 u ngħataw marki bħala assessjar. B'hekk matul il-ħames snin, l-istudenti jkunu għamlu 3 proġetti: "L-Esperjenza Kulturali fil-Kuntest Malti"; "Personaġġi Maltin" u "L-Idea tal-Lingwa". Dawn jgħinuhom għall-eżami tal-Malti (Oral) ĊES Mejju 2008.

**GRAMMATIKA**
Mill-kotba **GRAMMATIKA F'KUNTEST** ta' Tarċisju Żarb jinħadmu diversi xogħlijiet ta' grammatika bħal ngħidu aħna: *in-negattiv, il-forom tal-verbi, il-partiċipju attiv u passiv, in-nom mimmat, l-imperfett u l-perfett, l-aġġettiv, il-mamma u l-għerq, l-istat kostrutt, plural sħiħ u miksur*. Jinħadmu wkoll *ittri, kemm formali u kemm informali*, kif ukoll *rapprorti u reklami* għall-gazzetta. Jingħataw ukoll siltiet biex jintwieġbu mistoqsijiet jiġifieri *Taħriġ il-Fehem*. Jinħadmu wkoll *komponimenti* ta' madwar 400 kelma.

Mill-kotba **JA ĠIRIENI (Idjomi u Qwiel**) għandhom jinħadmu dawn it-temi: *(Idjomi ) - Il-Kuluri p.7; Iż-Żmien u l-Ħin p.13; Persuni u Familjari p.21; Alla u r-Reliġjon p.27; L-Annimali p.35 u L-Elementi p.53; (Qwiel) – Alla p.9; Tama u Sabar p.17; L-Għaġġla u n-Nuqqas ta' Ħsieb p.25; Xiri u Negozju p.33; Għerf Prattiku p.57 u Is-Saħħa p.65.*

**LETTERATURA**
Din is-sena jinħadmu l-aħħar żewġ temi minn ħamsa mill-antoloġija **QAWSALLA,** jiġifieri r-raba' u l-ħames tema: **ĠRAJJA U IDENTITA`** u **KARATTRI.**

Ix-xogħlijiet letterarji huma:

**Ġrajja u Identità**:
F'*Ħaġar Qim* ta' Ġorġ Pisani p.1; Il-*Fidwa tal-Gżejjer* ta' Ġużè Galea p.2; *Taħt in-Nar* ta' Ġużè Chetcuti p.11; *Jum ir-Rebħ* ta' Ružar Briffa p.14; *Il-Għanja tar-Rebħa* ta' Dun Karm p.17; *Rewwixta* ta' Oliver Friggieri p.19; *Il-Mandraġġ* ta' Ġuże` Orlando p.120; *Il-Malti: L-Ilsien Nazzjonali Tagħna* ta' Manwel Mifsud p.262.

**Karattri:**
*Qasba* ta' M. Azzopardi p.38; *Mananni* ta' Ġ. Pisani p.106; *Il-Ġlieda* ta' W. Born p.170; *Laqgħa ma' Poeta* ta' F. Sammut p.190; *Mill-Ġdid Poeta* ta' R. Briffa p.195; *Mass Meeting* ta' L. Spiteri p.203; *Dak it-Taraġ!* ta' C. Flores p.218 u *Jien Siġra Kbira* ta' Ġ. Borg p.223.

Bħas-sena l-oħra, l-ewwel jingħata tagħrif dwar it-tema u mbagħad isiru l-ħsibijiet tal-poeżiji u tal-proża. Jinħadmu wkoll il-*komponimenti letterarji* taż-żewġ temi rispettivi u kif ukoll ir-*referenzi għall-kuntest.* Meta jsir dan kollu jerġgħu jiġu riveduti t-temi kollha Hawnhekk jingħataw testijiet ta' komponimenti letterarji u referenzi għall-kuntest.

**MARKI T'ASSESSJAR**:

| **Meta** | **Kriterju** | **Marki** |
|---|---|---|
| Test ta' Novembru | Test fil-klassi | 50 |
| Assessjar ta' Novembru | Proġett:<br>"L-Oqsma tal-Għerf" | 10 |
| Eżami Annwali | L-Eżami | 100 |
| Assessjar tal-Aħħar tas-Sena | Xogħol fil-klassi<br>Xogħol fid-dar<br>Parteċipazzjoni | 8<br>8<br>4 |